Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 669/2009

tal-24 ta' Lulju 2009

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 212/2010 tat-12 ta' Marzu 2010	L 65	16	13.3.2010
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 878/2010 tas-6 ta' Ottubru 2010	L 264	1	7.10.2010
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1099/2010 tas-26 ta' Novembru 2010	L 312	9	27.11.2010
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 187/2011 tal-25 ta' Frar 2011	L 53	45	26.2.2011
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 433/2011 tal-4 ta' Mejju 2011	L 115	5	5.5.2011
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 799/2011 tad-9 ta' Awwissu 2011	L 205	15	10.8.2011
►M7	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1277/2011 tat-8 ta' Diċembru 2011	L 327	42	9.12.2011
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 294/2012 tat-3 ta' April 2012	L 98	7	4.4.2012
►M9	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 514/2012 tat-18 ta' Ġunju 2012	L 158	2	19.6.2012
►M10	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 889/2012 tas-27 ta' Settembru 2012	L 263	26	28.9.2012
►M11	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1235/2012 tad-19 ta' Diċembru 2012	L 350	44	20.12.2012
►M12	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 91/2013 tal-31 ta' Jannar 2013	L 33	2	2.2.2013
►M13	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 270/2013 tal-21 ta' Marzu 2013	L 82	47	22.3.2013
►M14	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 618/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013	L 175	34	27.6.2013
►M15	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 925/2013 tal-25 ta' Settembru 2013	L 254	12	26.9.2013
►M16	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1355/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013	L 341	35	18.12.2013
►M17	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 323/2014 tat-28 ta' Marzu 2014	L 95	12	29.3.2014
►M18	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 718/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014	L 190	55	28.6.2014

►**M19**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1021/2014 tas-26 ta' Settembru 2014	L 283	32	27.9.2014
►**M20**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1295/2014 tal-4 ta' Diċembru 2014	L 349	33	5.12.2014
►**M21**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/525 tas-27 ta' Marzu 2015	L 84	23	28.3.2015
►**M22**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/943 tat-18 ta' Ġunju 2015	L 154	8	19.6.2015
►**M23**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1012 tat-23 ta' Ġunju 2015	L 162	26	27.6.2015
►**M24**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1607 tal-24 ta' Settembru 2015	L 249	7	25.9.2015
►**M25**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2383 tas-17 ta' Diċembru 2015	L 332	57	18.12.2015
►**M26**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/24 tat-8 ta' Jannar 2016	L 8	1	13.1.2016
►**M27**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/166 tat-8 ta' Frar 2016	L 32	143	9.2.2016
►**M28**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/443 tat-23 ta' Marzu 2016	L 78	51	24.3.2016
►**M29**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1024 tal-24 ta' Ġunju 2016	L 168	1	25.6.2016

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 669/2009

tal-24 ta' Lulju 2009

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ([1]), u partikolarment l-Artikolu 15(5) u l-Artikolu 63(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([2]), u partikolarment l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistabbilixxi qafas armonizzat ta' regoli ġenerali għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali fuq livell Kommunitarju, li jinkludi l-kontrolli uffiċjali fuq id-dħul tal-ikel u l-għalf ġejjin minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk jistipula li għandha tiġi kkompilata lista tal-ikel u l-għalf ta' oriġini mhux mill-annimali, li għandhom ikunu soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq bażi ta' riskju magħruf jew riskju li jkun qed jitfaċċa, fil-punt tad-dħul fit-territorji msemmija fl-Anness I tiegħu ("il-lista"). Dan il-livell ogħla ta' kontroll għandu jippermetti, min-naħa waħda, li r-riskju magħruf jew dak emerġenti jkun ikkontrollat b'iżjed effiċjenza, u min-naħa l-oħra, il-ġbir ta' dejta preċiża ta' sorveljanza biex jiġu osservati l-okkorrenza u l-prevalenza tar-riżultati sfavorevoli li joħorġu mill-analiżi tal-laboratorju.

(2) Biex tiġi kkompilata din il-lista, iridu jkunu kkunsidrati ċerti kriterji, li jippermettu li jiġu identifikati r-riskji magħrufin jew emerġenti relatati ma' xi ikel jew għalf speċifiku ta' oriġini mhux mill-annimali.

(3) Sakemm jiġu adottati metodoloġija u kriterji standardizzati għall-kompilazzjoni tal-lista, għandhom jiġu kkunsidrati, għall-għanijiet tal-kompilazzjoni u l-aġġornament tagħha, d-dejta li toħroġ minn notifikazzjonijiet li jintbagħtu bis-sistema ta' twissija f'waqtha

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

▼B

dwar l-għalf u l-ikel (RASFF), kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 178/2002; ir-rapporti tal-Uffiċċju Veterinarju u tal-Ikel; ir-rapporti mingħand il-pajjiżi terzi; l-iskambji tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; u l-evalwazzjonijiet xjentifiċi.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistipula li, għall-organizzazzjoni tal-livell ogħla ta' kontrolli, l-Istati Membri għandhom jinnominaw punti partikolari ta' dħul fit-territorji tagħhom li jkollhom aċċess għal faċilitajiet ta' kontroll xierqa għat-tipi differenti tal-għalf u tal-ikel. Għaldaqstant huwa xieraq li jiġu stipulati fir-Regolament preżenti r-rekwiżiti minimi għall-punti tad-dħul magħżulin biex ikun żgurat livell ta' uniformità fl-effikaċja tal-kontrolli.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistipula li, għall-organizzazzjoni tal-livell ogħla ta' kontrolli, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel responsabbli għall-kunsenji jagħtu notifikazzjoni minn qabel talwasla u n-natura ta' dawn il-konsenji. Għaldaqstant, biex jiġi żgurat approċċ uniformi fil-Komunità kollha, għandu jiġi stipulat mudell ta' dokument komuni tad-dħul (DKD) għall-kull importazzjoni tal-għalf u tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali li hi koperta mir-Regolament preżenti. Id-DKD għandu jkun disponibbli għall-awtoritajiet tad-dwana fil-ħin li jiġu ddikjarati l-konsenji għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera.

(6) Barra minn hekk, biex jiġi żgurat ċertu livell ta' uniformità fuq livell Komunitarju fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali ta' livell ogħla, huwa xieraq li jiġi stipulat f'dan ir-Regolament li fost il-kontrolli uffiċjali għandhom isiru l-kontrolli fuq id-dokumenti, il-kontrolli dwar l-identità u l-kontrolli fiżiċi.

(7) Iridu jkunu disponibbli riżorsi finanzjarji xierqa biex jiġu organizzati dawn il-livelli ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jiġbru l-miżati li jeħtieġu biex ikopru l-ispejjes ta' dawn il-kontrolli. Il-kalkolu ta' dawn il-miżati għandu jsir skont il-kriterji stipulati fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/402/KE tat-23 ta' Mejju 2005 dwar il-miżuri ta' emerġenza fir-rigward tal-bżar aħmar, il-prodotti tal-bżar aħmar; il-kurkuma u ż-żejt tal-palm [1] tistipula li l-konsenji kollha ta' dawn il-prodotti għandu jkollhom magħhom rapport analitiku li juri li l-prodott ma fih l-ebda wieħed minn dawn is-sustanzi li ġejjin: Sudan I (Nru CAS 842-07-9), Sudan II (Nru CAS 3118-97-6), Sudan III (Nru CAS 85-86-9) jew Sudan IV (85-83-6). Minn meta ġew adottati dawn il-miżuri, naqqset l-inċidenza ta' notifikazzjonijiet lill-RASFF li juri titjib sinifikanti fis-sitwazzjoni fir-rigward tal-preżenza taż-żebgħat tas-Sudan fil-prodotti rilevanti. Għalhekk huwa xieraq li jintemm ir-rekwiżit li għandu jkun megħmuż rapport analitiku ma' kull konsenja ta' prodotti importati li hu stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/402/KE u li minfloku jitwaqqaf livell ogħla ta' kontrolli uniformi fuq dawn il-konsenji fil-punt tad-dħul fil-Komunità. Id-Deċiżjoni 2005/402/KE hija rrevokata.

[1] ĠU L 135, 28.5.2005, p. 34.

▼B

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/504/KE tat-12 ta' Lulju 2006 dwar kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw ċerti oġġetti tal-ikel impurtati minn ċerti pajjiżi terzi minħabba r-riskji ta' kontaminazzjoni ta' dawn il-prodotti mill-aflatossini ([1]), tistipula li għandhom isiru kontrolli iżjed spissi (50 % tal-konsenji kollha) biex ifittxu għall-preżenza tal-aflatossini fil-karawett li jkun ġej mill-Brażil. Kemm ilhom li ġew adottati dawn il-miżuri, naqqset l-inċidenza tan-notifikazzjonijiet lill-RASFF dwar l-aflatossini fil-karawett li jkun ġej mill-Brażil. Għalhekk hu xieraq li jintemmu l-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni 2006/504 fir-rigward ta' dawn il-prodotti, li għandhom minflok jiġu suġġetti għal livelli ogħla ta' kontrolli uniformi fil-punt tad-dħul fil-Komunità. Id-Deċiżjoni 2006/504/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(10) L-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi għall-punti tad-dħul magħżula tista' toħloq diffikultajiet prattiċi għall-Istati Membri. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jistipula żmien ta' tranżizzjoni li matulu jistgħu jiġu implimentati dawn ir-rekwiżiti ftit ftit. Skont dan, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandu jkollhom il-fakultà waqt dan il-perjodu ta' tranżizzjoni li jwettqu l-kontrolli fiżiċi u l-kontrolli tal-identità f'punti tal-kontroll li mhumiex il-punt tad-dħul magħżul. F'dawn il-każi, dawn il-punti ta' kontroll iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi għall-punti tad-dħul magħżulin li huma stipulati f'dan ir-Regolament.

(11) Il-miżuri li hemm f'dan ir-Regolament huma fi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli fir-rigward tal-livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu skont l-Artikolu 15(5) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 fil-punti tad-dħul fit-territorji msemmijin fl-Anness I tiegħu, dwar l-importazzjoni tal-għalf u tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali li huma elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Aġġornament tal-Anness I

Biex il-lista tal-Anness I tiġi kkompilata u emendata regolarment, irid jiġi kkunsidrat mill-inqas wieħed minn dwan is-sorsi ta' tagħrif:

(a) id-dejta li tirriżulta min-notifiki li jaslu permezz tal-RASFF;

(b) rapporti u informazzjoni li joħorġu mill-attivitajiet tal-Uffiċċju Veterinarju u tal-Ikel;

(c) rapporti u informazzjoni mibgħuta minn pajjiżi terzi;

([1]) ĠU L 199, 21.7.2006, p. 21.

▼B

(d) informazzjoni li titpartat bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurtà fl-Ikel;

(e) fejn hu xieraq, valutazzjonijiet xjentifiċi.

▼M29

Il-lista tal-Anness I għandha tiġi riveduta regolarment, u mill-inqas darbtejn fis-sena.

▼B

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "dokument komuni tad-dħul (DKD)" ifisser dak id-dokument li għandu jimtela mill-operatur tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha kif stipulat fl-Artikolu 6, li tiegħu hemm mudell fl-Anness II, u mill-awtorità kompetenti li tikkonferma li tlestew il-kontrolli uffiċjali;

(b) "il-punt tad-dħul magħżul (PDM)" ifisser il-punt tad-dħul stipulat fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, f'wieħed mit-territorji msemmijin fl-Anness I tiegħu; fil-każi ta' konsenji li jaslu bil-baħar, li jitħattew bl-għan li jitgħabbew fuq vapur ieħor biex immorru f'port ieħor fi Stat Membru ieħor, il-punt tad-dħul magħżul ikun l-aħħar port;

(c) "konsenja" tfisser kwantità ta' kwalunkwe wieħed mill-prodotti tal-għalf jew tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali li huma elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, tal-istess klassi jew deskrizzjoni, inkluża fl-istess dokument(i), mibgħuta bl-istess mezz tat-trasport u li toriġina mill-istess pajjiż terz jew parti mill-pajjiż.

Artikolu 4

Rekwiżiti minimi għall-punti tad-dħul magħżulin

Bla ħsara għall-Artikolu 19, il-punti tad-dħul magħżulin għandu jkollhom għad-dispożizzjoni mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) numru biżżejjed ta' impjegati li għandhom il-kwalifiki xierqa u l-esperjenza biex iwettqu l-kontrolli preskritti fuq il-konsenji;

(b) faċilitajiet xierqa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tagħmel il-kontrolli meħtieġa;

(c) istruzzjonijiet dettaljati dwar it-teħid tal-kampjuni għall-analiżi u dwar kif il-kampjuni jintbagħtu għall-analiżi fil-laboratorju magħżul skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 ("il-laboratorju magħżul");

(d) faċilitajiet fejn il-konsenji (u l-konsejni fil-kontejners) jiġu maħżunin f'kundizzjonijiet xierqa waqt iż-żmien tad-detenzjoni, fejn xieraq, sakemm jistennew ir-riżultati tal-analiżi msemmija fil-punt (c), u numru biżżejjed ta' kmamar għall-ħażna li jinkludu l-imħażen tal-friża, għall-każi fejn il-konsenja jkollha bżonn tinżamm f' temperaturi kkontrollati;

(e) tagħmir għall-ħatt u l-istrumenti meħtieġa biex jittieħdu l-kampjuni għall-analiżi;

▼B

(f) il-faċilitajiet biex, fejn hemm bżonn, il-ħatt u t-teħid tal-kampjuni għall-analiżi jsiru f'post kenni;

(g) laboratorju magħżul fejn issir l-analiżi msemmija fil-punt (c), f'post fejn il-kampjuni jkunu jistgħu jitwasslu f'qasir żmien.

Artikolu 5

Lista tal-punti tad-dħul magħżulin

L-Istati Membri għandhom iżommu fuq l-Internet, miftuħa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, lista aġġornata tal-punti tad-dħul magħżulin għal kull wieħed mill-prodotti elenkati fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-indirizzi tal-Internet ta' dawn il-listi lill-Kummissjoni.

Fuq is-sit tal-Internet tagħha, il-Kummissjoni għandha turi l-ħoloq elettroniċi nazzjonali li jwasslu għal dawn il-listi, għall-informazzjoni tal-pubbliku.

Artikolu 6

Twissija bil-quddiem tal-wasla tal-konsenji

L-operaturi tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom javżaw bil-quddiem id-data u l-ħin tal-wasla mistennija tal-konsenja fil-punt tad-dħul magħżul u dwar in-natura tal-konsenja.

Għal dan il-għan iridu jimlew il-Parti I tad-dokument tad-dħul komuni u jibagħtu d-dokument lill-awtorità kompetenti fil-punt tad-dħul magħżul, mill-inqas ġurnata waħda tax-xogħol qabel ma tasal il-konsenja.

Artikolu 7

Il-Lingwa tad-dokumenti komuni tad-dħul

Id-dokumenti komuni tad-dħul għandhom jinkitbu fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mill-lingwi uffiċjali, tal-Istat Membru fejn jinstab il-punt tad-dħul magħżul.

Madankollu, Stat Membru jista' jaċċetta li d-dokumenti komuni tad-dħul ikunu miktubin b'lingwa uffiċjali oħra tal-Komunità.

Artikolu 8

Livelli ogħla tal-kontrolli uffiċjali fil-punti tad-dħul magħżulin

1. L-awtorità kompetenti fil-punt tad-dħul magħżul għandha, mingħajr dawmien żejjed, tagħmel dan li ġej:

(a) kontrolli tad-dokumentazzjoni ta' kull konsenja fi żmien żewġt iġranet tax-xogħol minn meta jaslu fil-PDM, sakemm ma jinħolqux xi ċirkostanzi inevitabbli u eċċezzjonali.

(b) kontrolli fiżiċi u tal-identità, li jinkludu l-analiżi fil-laboratorju, bil-frekwenza stipulata fl-Anness I u b'mod li l-operaturi tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jew ir-rappreżentanti tagħhom ma jkunux jistgħu ibassru jekk xi konsenja hijiex se tiġi kkontrollata jew le; ir-riżultati tal-kontrolli fiżiċi jeħtieġ li jkunu disponibbli kemm jista' jkun malajr teknikament.

▼B

2. Wara li jintemmu l-kontrolli stipulati fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) timla l-parti rilevanti tal-Parti II tad-dokument komuni tad-dħul; u l-uffiċjal risponsabbli tal-awtorità kompetenti għandu jittimbra u jiffirma l-oriġinal tad-dokument;

(b) tagħmel u żżomm kopja tad-dokument komuni tad-dħul iffirmat u ttimbrat.

Il-kopja oriġinali tad-dokument komuni tad-dħul trid tmur mal-konsenja tul il-vjaġġ tagħha sakemm tasal fid-destinazzjoni msemmija fid-DKD.

L-awtorità kompetenti fil-PDM tista' tawtorizza li l-konsenja tkompli fi triqitha sakemm joħorġu r-riżultati tal-kontrolli fiżiċi. Fejn tingħata l-awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti fil-PDM għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti fil-punt tad-destinazzjoni u għandhom isiru l-arranġamenti xierqa biex ikun żgurat li l-konsenja tibqa' taħt il-kontroll kontinwu tal-awtoritajiet kompetenti u li ma tkunx tista' titbagħbas bl-ebda mod sakemm joħorġu r-riżultati tal-kontrolli fiżiċi.

F'każijiet fejn il-konsenja tkun ittrasportata qabel ma jkunu jistgħu jinħarġu r-riżultati tal-kontrolli fiżiċi, għandha tinħareġ kopja ċċertifikata tad-DKD oriġinali għal dan l-għan.

Artikolu 9

Ċirkostanzi Partikolari

1. Fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tawtorizza li l-awtoritajiet kompetenti ta' ċerti punti tad-dħul magħżula li jridu jaħdmu f'sitwazzjonijiet diffiċili għal raġunijiet ġeografiċi, ikunu jistgħu jagħmlu l-kontrolli fiżiċi fl-istabbiliment ta' operatur tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel, sakemm jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-effiċjenza tal-kontrolli li jitwettqu fil-PDM ma tkunx affettwata ħażin;

(b) l-istabbiliment jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4 skont ir-rilevanza u li huwa approvat għal dan l-għan mill-Istat Membru;

(c) ikun hemm arranġamenti xierqa li jiggarantixxu li l-konsenja, mill-mument li tasal, tibqa' l-ħin kollu taħt il-kontroll kontinwu tal-awtoritajiet kompetenti tal-PDM u li ma tistax tiġi mbagħbsa bl-ebda mod tul iż-żmien tal-kontrolli kollha.

2. B'deroga mill-Artikolu 8(1), f'ċirkostanzi eċċezzjonali, id-deċiżjoni li prodott ġdid ikun elenkat fl-Anness I tista' tistipula li l-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni tal-konsenja tkun tista' tagħmel il-kontrolli fiżiċi, kif indikat fid-DKD fuq il-post tal-istabbiliment tal-operatur tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jekk ikun xieraq u jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 (b) u (c), sakemm jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk, meta jsiru t-testijiet ta' kampjuni fil-PDM ikun hemm riskju kbir li l-ikel jiġi kkontaminat jew li l-prodott ikun imħassar b'mod inaċċettabbli minħabba li l-prodott jitħassar malajr jew minħabba li l-pakketti jkunu ta' ċerta kwalità;

▼B

(b) isiru arranġamenti xierqa mill-awtoritajiet kompetenti fil-PDM u l-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu l-kontrolli fiżiċi biex jaċċertaw li:

(i) il-konsenja ma tistax tiġi mbagħbsa bl-ebda mod waqt il-kontrolli kollha;

(ii) jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha ta' rappurtar stipulati fl-Artikolu 15.

Artikolu 10

Ir-Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera

Ladarba, fejn hu meħtieġ li jsiru l-kontrolli, dawn ikunu saru kollha b'konformità mal-Artikolu 8(1) u r-riżultati tal-kontrolli fiżiċi jkunu magħrufa u jkunu pożittivi, ir-rilaxx tal-konsenja għaċ-ċirkolazzjoni libera jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' dokument komuni tad-dħul jew l-ekwivalent tiegħu elettroniku, minn għand l-operatur tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jew mir-rappreżentant tiegħu, lill-awtoritajiet tad-dwana, mimli, kif meħtieġ, mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 11

L-Obbligi tal-operaturi tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel

F'każi fejn il-karatteristiċi speċjali tal-konsenja jitolbu din il-ħtieġa, l-operatur tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel jew rappreżentant tiegħu, għandu jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti:

(a) ir-riżorsi umani u l-loġistika biex il-konsenja tinħatt biex ikunu jistgħu jsiru l-kontrolli uffiċjali;

(b) it-tagħmir xieraq għat-teħid tal-kampjuni għall-analiżi fejn jirrigwarda t-trasport speċjali u/jew formoli tal-ippakkjar speċifiċi, meta dan it-teħid ta' kampjuni ma jkunx jista' jsir b'mod ġenerali bit-tagħmir standardizzat.

Artikolu 12

It-taqsim tal-konsenji

Il-konsenji m' għandhomx jinqasmu qabel ma jkunu saru l-kontrolli uffiċjali fuq livell ogħla, u jkun imtela d-dokument komuni tad-dħul mill-awtorità kompetenti kif stipulat fl-Artikolu 8.

Fil-każ li wara dan il-konsenja tinqasam, kopja awtentika tad-dokument komuni tad-dħul trid tintbagħat ma' kull parti tal-konsenja sakemm dawn jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera.

Artikolu 13

Nuqqas ta' konformità

Jekk il-kontrolli uffiċjali jistabbilixxu li hemm nuqqas ta' konformità, l-uffiċjal risponsabbli tal-awtorità kompetenti għandu jimla l-Parti III tad-dokument komuni tad-dħul u għandha tittieħed azzjoni skont l-Artikoli 19, 20 u 21 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

▼B

Artikolu 14

Miżati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġbir tal-miżati li jirriżultaw minħabba l-livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali stipulat f'dan ir-Regolament skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, u l-kriterji stipulati fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

2. Il-miżati msemmijin fil-paragrafu 1 iridu jitħallsu mill-operaturi tal-kummerċ tal-għalf u tal-ikel li huma risponsabbli għall-konsenja, jew mir-rappreżentanti tagħhom.

Artikolu 15

Rapporti lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport dwar il-konsenji lill-Kummissjoni bi skop li ssir evalwazzjoni kontinwa tal-għalf u tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali elenkati fl-Anness I.

▼M29

Huma għandhom jissottomettu rapport darbtejn fis-sena sa tmiem ix-xahar ta' wara kull semestru.

▼B

2. Ir-rapport għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dettalji ta' kull konsenja, li jinkludu:

(i) id-daqs fir-rigward tal-piż nett tal-konsenja;

(ii) isem il-pajjiż tal-oriġini ta' kull konsenja;

(b) in-numru ta' konsenji li minnhom ittieħdu l-kampjuni għall-analiżi;

(c) ir-riżultati tal-kontrolli kif stipulat fl-Artikolu 8(1);

3. Il-Kummissjoni għandha tiġbor ir-rapporti li tirċievi skont il-paragrafu 2 u tpoġġihom għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

Artikolu 16

Emenda għad-Deċiżjoni 2006/504/KE

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/504/KE hija emendata skont dan li ġej:

(1) fl-Artikolu 1, is-subparagrafi (a) (iii), (iv) u (v) għandhom jitħassru,

(2) fl-Artikolu 5, l-paragrafu 2 (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) kull konsenja ta' ħwejjeġ tal-ikel mill-Brażil",

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 huwa mħassar.

Artikolu 17

Revoka tad-Deċiżjoni 2005/402/KE

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/402/KE hija rrevokata.

▼B

Artikolu 18

Applikabilità

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-25 ta' Jannar 2010.

▼M1

Artikolu 19

Miżuri tranżitorji

▼M18

1. Għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jekk punt tad-dħul magħżul ma jkunx mgħammar bil-faċilitajiet meħtieġa biex isiru l-kontrolli fiżiċi u tal-identità, kif stipulat fl-Artikolu 8(1)(b), dawn il-kontrolli jistgħu jsiru f'punt ta' kontroll ieħor fl-istess Stat Membru, li jkun awtorizzat għal dan il-għan mill-awtorità kompetenti, qabel ma l-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera, sakemm dan il-punt ta' kontroll jissodisfa r-rekwiżiti minimi stipulati fl-Artikolu 4.

▼M1

2. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, permezz ta' pubblikazzjoni elettronika fuq il-websajt tagħhom, lista tal-punti ta' kontroll awtorizzati skont il-paragrafu 1.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M29**

ANNESS I

Għalf u ikel li ma joriġinax mill-annimali soġġetti għal żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali fil-punt tad-dħul magħżul

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM (1)	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*) — Brunġiel ***(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00 — 0709 30 00; ex 0710 80 95	**10** **10** **72**	**Il-Kambodja (KH)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (3)	50
Karfus Ċiniż (*Apium graveolens*) ***(Ikel — ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)***	ex 0709 40 00	**20**	**Il-Kambodja (KH)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (4)	50
Brassica oleracea (Brassika oħra li tittiekel, “Brokkoli Ċiniż”) (5) ***(Ikel — frisk jew imkessaħ)***	ex 0704 90 90	**40**	**Iċ-Ċina (CN)**	Residwi tal-pestiċidi (2)	50
Te, kemm jekk imħawwar jew le ***(Ikel)***	0902		**Iċ-Ċina (CN)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (6)	10
— Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis)* — Bżar (ħelu u mhux) (*Capsicum* spp.) ***(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00 — 0709 60 10; 0710 80 51 — ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**10** **10** **20** **20**	**Ir-Repubblika Dominicana (DO)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (7)	20
Frawli ***(Ikel — frisk jew imkessaħ)***	0810 10 00		**L-Eġittu (EG)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (8)	10
Bżar (ħelu u mhux) (*Capsicum* spp.) ***(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	— 0709 60 10; 0710 80 51 — ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	 **20** **20**	**L-Eġittu (EG)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (9)	10
— Karawett bil-qoxra — Karawett bla qoxra	— 1202 41 00 — 1202 42 00		**Il-Gambja (GM)**	Aflatossini	50

▼**M29**

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM ([1])	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Butir tal-karawett — Karawett ippreparat jew ippreservat mod ieħor ***(Għalf u ikel)***	— 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
— Ġellewż bil-qoxra — Ġellewż bla qoxra ***(Ikel)***	— 0802 21 00 — 0802 22 00		**Il-Georgia (GE)**	Aflatossini	20
Żejt tal-palm ***(Ikel)***	1511 10 90; 1511 90 11; ex 1511 90 19; 1511 90 99	**90**	**Il-Ghana (GH)**	Żebgħat tas-Suda ([10])	50
Żerriegħa tal-ġulġlien ***(Ikel — frisk jew imkessaħ)***	1207 40 90		**L-Indja (IN)**	Salmonella ([11])	20
Enzimi; enzimi ppreparati ***(Għalf u ikel)***	3507		**L-Indja (IN)**	Kloramfenikol	50
Piżelli fil-miżwed (mhux imfosdqa) ***(Ikel — frisk jew imkessaħ)***	ex 0708 10 00	**40**	**Il-Kenja (KE)**	Residwi tal-pestiċidi ([2]) ([12])	10
— Karawett bil-qoxra — Karawett bla qoxra — Butir tal-karawett — Karawett ippreparat jew ippreservat mod ieħor ***(Għalf u ikel)***	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		**Il-Madagaskar (MG)**	Aflatossini	50
Lampun ***(Ikel — iffriżat)***	0811 20 31; ex 0811 20 11; ex 0811 20 19	 **10** **10**	**Is-Serbja (RS)**	Norovajrus	10
Żrieragħ tad-dulliegħ *(Egusi, Citrullus* spp.*)* u l-prodotti li ġejjin minnhom ***(Ikel)***	ex 1207 70 00; ex 1106 30 90; ex 2008 99 99	**10** **30** **50**	**Sierra Leone (SL)**	Aflatossini	50

▼**M29**

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM (1)	Subdivižjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Karawett bil-qoxra — Karawett bla qoxra — Butir tal-karawett — Karawett ippreparat jew ippreservat mod ieħor ***(Għalf u ikel)***	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		**Is-Sudan (SD)**	Aflatossini	50
Bżar (minbarra dak ħelu)*(Capsicum* spp.*)* ***(Ikel — frisk jew imkessaħ)***	ex 0709 60 99	**20**	**It-Tajlandja (TH)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (13)	10
— Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*) — Brunġiel ***(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00 — 0709 30 00; ex 0710 80 95	**10** **10** **72**	**It-Tajlandja (TH)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (14)	20
— Berquq imnixxef — Berquq ippreparat jew ippreservat mod ieħor ***(Ikel)***	— 0813 10 00 — 2008 50 61		**It-Turkija (TR)**	Sulfiti (15)	10
Lumi (*Citrus limon*, *Citrus limonum*) ***(Ikel — frisk, imkessaħ jew imnixxef)***	0805 50 10		**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi (2)	10
Bżar Ħelu *(Capsicum annuum)* ***(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	0709 60 10; 0710 80 51		**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (16)	10
Weraq tad-dielja ***(Ikel)***	ex 2008 99 99	**11; 19**	**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (17)	50
— Pistaċċi bil-qoxra — Pistaċċi bla qoxra ***(Ikel)***	— 0802 51 00 — 0802 52 00		**L-Istati Uniti (US)**	Aflatossini	20

▼M29

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM (1)	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Berquq imnixxef — Berquq ippreparat jew ippreservat mod ieħor ***(Ikel)***	— 0813 10 00 — 2008 50 61		**L-Użbekistan (UZ)**	Sulfiti (15)	50
— Weraq tal-kosbor	— ex 0709 99 90	**72**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (18)	50
— Ħabaq u ħabaq sagru	— ex 1211 90 86;	**20**			
	ex 2008 99 99	**75**			
— Nagħniegħ	— ex 1211 90 86;	**30**			
	ex 2008 99 99	**70**			
— Tursin ***(Ikel — ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)***	— ex 0709 99 90	**40**			
— Okra	— ex 0709 99 90	**20**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (18)	50
— Bżar (minbarra dak ħelu)*(Capsicum* spp.*)* ***(Ikel — frisk jew imkessaħ)***	— ex 0709 60 99	**20**			
— Pitaħaja (frott tad-dragun) ***(Ikel — frisk jew imkessaħ)***	— ex 0810 90 20	**10**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi (2) (18)	20

(1) Meta jkun meħtieġ li jiġu eżaminati biss ċerti prodotti li jidħlu taħt kwalunkwe kodiċi NM u ma tkun teżisti l-ebda subdiviżjoni speċifika f'dak il-kodiċi, il-kodiċi NM jiġi mmarkat bl-ittri "ex" quddiemu.

(2) Ir-residwi ta' mill-inqas dawk il-pestiċidi elenkati fil-programm ta' kontroll adottat skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1) li jistgħu jiġu analizzati b'metodi multiresidwi bbażati fuq il-kromatografija b'faži gassuża/spettrometrija ta' massa (GC-MS), u dawk ibbażati fuq il-kromatografija likwida/spettrometrija tal-massa (LC-MS)(il-pestiċidi jridu jiġu ssorveljati fil-prodotti li joriġinaw mill-pjanti jew fuqhom biss).

(3) Ir-residwi tal-Klorbufam.

(4) Ir-residwi tal-Fentoat.

(5) Speċijiet ta' *Brassica oleracea* L. convar. Botrytis (L) Alef var.Italica Plenck, cultivar alboglabra. Magħrufa wkoll bħala "Kai Lan", "Gai Lan", "Gailan", "Kailan", "kejl Ċiniż", "Jie Lan".

(6) Ir-residwi tat-Trifluralin.

(7) Ir-residwi tal-Aċefat, tal-Aldikarb (is-somma tal-aldikarb u tas-sulfossidu u s-sulfon tiegħu, mogħtija bħala aldikarb), tal-Amitraz (amitraz li jinkludi l-metaboliti li fihom il-frazzjoni ta' 2,4 -dimetilanilina mogħtija bħala amitraz), tad-Diafentjuron, tad-Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p′ u o,p′), tad-Ditijokarbamati (id-ditijokarbamati mogħtija bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram) u tal-Metijokarb (is-somma tal-metijokarb u tas-sulfossidu u s-sulfon tiegħu, mogħtija bħala metijokarb).

(8) Ir-residwi tal-Eżaflumuron, tal-Metijokarb (is-somma tal-metijokarb u tas-sulfossidu u s-sulfon tiegħu, mogħtija bħala metijokarb), tal-Fentoat u tat-Tijofanat metil.

(9) Ir-residwi tad-Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p′ u o,p′), tad-Dinotefuran, tal-Folpet, tal-Prokloraż (is-somma tal-prokloraż u tal-metaboliti tiegħu li fihom frazzjoni ta' 2,4,6-Triklorofenol mogħtija bħala prokloraż), tat-Tijofanat metil u tat-Triforina.

(10) Għall-fini ta' dan l-Anness, "Żebgħat tas-Sudan" tirreferi għas-sustanzi kimiċi li ġejjin: (i) Is-Sudan I (Numru CAS 842-07-9); (ii) Is-Sudan II (Numru CAS 3118-97-6); (iii) Is-Sudan III (Numru CAS 85-86-9); (iv) L-Aħmar Skarlat; jew is-Sudan IV (Numru CAS 85-83-6).

(11) Il-metodu ta' referenza EN/ISO 6579 jew metodu mqabbel miegħu biex jiġi vvalidat, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

(12) Ir-residwi tal-Aċefat u tad-Diafentjuron.

(13) Ir-residwi tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imluħ tiegħu mogħtija bħala (kloridrat tal-) formetanat), tal-Protijofos u tat-Triforina.

(14) Ir-residwi tal-Aċefat, tad-Dikrotofos, tal-Protijofos, tal-Kwinalfos u tat-Triforina.

(15) Metodi ta' referenza: EN 1988-1:1998, EN 1988-2:1998 jew ISO 5522:1981.

(16) Ir-residwi tad-Diafentjuron, tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imluħ tiegħu mogħtija bħala (kloridrat tal-) formetanat), u tat-Tijofanat metil.

(17) Ir-residwi tad-Ditijokarbamati (id-ditijokarbamati mogħtija bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram) u tal-Metrafenon.

(18) Ir-residwi tad-Ditijokarbamati (id-ditijokarbamati mogħtija bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram), tal-Fentoat u tal-Kwinalfos.

▼M17

ANNESS II

DOKUMENT KOMUNI TAD-DĦUL (DKD)

L-UNJONI EWROPEA — **Dokument Komuni tad-Dħul (DKD)**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Pajjiż + Kodici ISO	I.2. Numru ta' referenza DKD PDD Numru tal-Unità tal-PDD	
I.3. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Pajjiż + Kodici ISO	I.4. Persuna responsabbli għall-konsenja Isem Indirizz I.5. Pajjiż tal-oriġini + Kodici ISO	I.6. Pajjiż minn fejn saret il-konsenja + Kodici ISO
I.7. Importatur Isem Indirizz Kodiċi Postali Pajjiż + Kodici ISO	I.8. Post tad-destinazzjoni Isem Indirizz Kodiċi Postali Pajjiż + Kodici ISO	
I.9. Data tal-wasla fil-PDD (id-data u l-ħin mistennija) Data Ħin	I.10. Dokumenti Numru	
I.11. Mezz ta' Trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-Triq ☐ Identifikazzjoni: Referenzi dokumentati:	Data tal-ħruġ	
I.12. Deskrizzjoni tal-komodità	I.13. Kodiċi tal-komodità	I.14. Piż gross u nett I.15. Għadd ta' pakketti
I.16. Temperatura Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐		I.17. Tip ta' pakketti
I.18. Komodità maħsuba għal Konsum mill-bniedem ☐ Ipproċessar ulterjuri ☐ Għalf ☐		
I.19. Numru tas-siġill u n-numru tal-kontenitur		
I.20. Għat-trasferiment lejn ☐ Punt tal-kontroll Numru tal-unità tal-punt tal-kontroll		I.21.
I.22. Għall-importazzjoni ☐		I.23.
I.24. Mezz tat-trasport lejn il-Punt tal-Kontroll Vagun tal-ferrovija ☐ Numru tar-Registrazzjoni Ajruplan ☐ Numru tat-Titjira Vapur ☐ Isem Vettura tat-Triq ☐ Numru tal-Pjanċa		
I.25. Dikjarazzjoni Jiena, il-persuna sottoskritta responsabbli għall-konsenja deskritta hawn fuq, niċċertifika li fl-aħjar għarfien u twemmin tiegħi d-dikjarazzjonijiet magħmulin fil-Parti I ta' dan id-dokument huma l-verità sħiħa u jien naċċetta li nikkonforma mar-rekwiżiti legali tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, li jinkludu li nħallas għall-kontrolli uffiċjali u l-miżuri uffiċjali li jistgħu jirriżulaw f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-liġi dwar l-għalf u l-ikel.	Post u data tad-dikjarazzjoni Isem il-firmatarju Firma	

▼M17

L-UNJONI EWROPEA | **Dokument Komuni tad-Dħul (DKD)**

Parti II: Deċiżjoni dwar il-konsenja

II.1. Numru ta' Referenza tad-DKD:	II.2. Referenza tad-Dokument tad-Dwana
II.3. Verifika tad-Dokumenti Sodisfaċenti ☐ Mhux Sodisfaċenti ☐	II.4. Konsenja magħżula għall-kontrolli fiżiċi Iva ☐ Le ☐
II.5. AĊĊETTABBLI għat-trasferiment ☐ Punt tal-kontroll Numru tal-unità tal-punt tal-kontroll Konsenja awtorizzatata għal trasport ulterjuri (sakemm joħorġu r-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju) – konsenja li ma tridx tiġi rilaxxata ☐	
II.6. MHUX AĊĊETTABBLI ☐ 1. Dispaċċ mill-ġdid ☐ 2. Qerda ☐ 3. Trasformazzjoni ☐ 4. Użu għal skop ieħor ☐	II.7. Dettalji tad-Destinazzjonijiet Ikkontrollati (II.6) Numru tal-approvazzjoni (fejn rilevanti) Indirizz Kodiċi Postali
II.8. Identifikazzjoni sħiħa tal-PDD u timbru uffiċjali ☐ PDD Timbru Numru tal-Unità tal-PDD	II.9. Spettur Uffiċjali Jiena, l-ispettur uffiċjali tal-PDD sottoskritt, niċċertifika li saru l-kontrolli fuq il-konsenja skont ir-rekwiżiti tal-Unjoni. Isem (b'ittri kbar) Data Firma
II.10.	II.11.Kontroll tal-identità Iva ☐ Le ☐ Sodisfaċenti ☐ Mhux Sodisfaċenti ☐
II.12. Kontroll fiżiku Sodisfaċenti ☐ Mhux Sodisfaċenti ☐	II.13. Testijiet tal-Laboratorju Iva ☐ Le ☐ Ittestjati għal: Riżultati: Sodisfaċenti ☐ Mhux Sodisfaċenti ☐
II.14. AĊĊETTABBLI għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ☐ 1. Konsum mill-bniedem ☐ 2. Proċess ulterjuri ☐ 3. Għalf ☐ 4. Oħrajn ☐	II.15.
II.16. MHUX AĊĊETTABBLI ☐ 1. Dispaċċ mill-ġdid ☐ 2. Qerda ☐ 3. Trasformazzjoni ☐ 4. Użu għal skop ieħor ☐	II.17. Raguni għar-rifjut 1. Assenza ta' ċertifikat/Ċertifikat mhux validu (jekk applikabbli) ☐ 2. ID: Nuqqas ta' qbil mad-dokumenti ☐ 3. Nuqqas ta' ndafa fiżika ☐ 4. Kontaminazzjoni kimika ☐ 5. Kontaminazzjoni mikrobijoloġika ☐ 6. Oħrajn ☐
II.18. Dettalji tad-Destinazzjonijiet ikkontrollati (II.16) Numru tal-approvazzjoni (fejn rilevanti) Indirizz Kodiċi Postali	
II.19. Siġill mill-ġdid tal-konsenja Numru tas-siġill ġdid	
II.20. Identifikazzjoni sħiħa tal-PDD/Punt tal-Kontroll u t-timbru uffiċjali Timbru	II.21. Spettur uffiċjali Jiena, l-ispettur uffiċjali tal-PDD/Punt tal-Kontroll sottoskritt, niċċertifika li saru l-kontrolli fuq il-konsenja skont ir-rekwiżiti tal-Unjoni. Isem (b'ittri kbar) Data Firma

Parti III: Kontroll

III.1. Dettalji dwar id-dispaċċ mill-ġdid			
Numru tal-mezz tat-trasport			
Vagun tal-ferrovija ☐	Ajruplan ☐	Vapur ☐	Vettura tat-triq ☐
Pajjiż ta' destinazzjoni:		+ Kodici ISO	
Data			
III.2. Segwitu			
		Unità tal-Awtorità Kompetenti Lokali ☐	
Wasla tal-konsenja Iva ☐ Le ☐		Korrispondenza tal-konsenja	Iva ☐ Le ☐
III.3. Spettur uffiċjali			
Isem (b'ittri kbar)		Numru tal-Unità	
Indirizz		Firma	
Data		Timbru	

▼**M17**

Noti biex iservu ta' gwida għad-DKD

Ġenerali:	Imla d-dokument komuni tad-dħul b'ittri kbar. In-noti jidhru ħdejn in-numru tal-kaxxa rilevanti.
Parti I	**Din il-Parti trid timtela mill-operatur kummerċjali tal-għalf u tal-ikel jew mir-rappreżentant tiegħu, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor.**
Kaxxa I.1.	Il-konsenjatur: l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna fiżika jew ġuridika (operatur kummerċjali tal-għalf u tal-ikel) li qed tibgħat il-konsenja. Huwa rakkomandat li tingħata informazzjoni dwar in-numri tat-telefown u tal-faks jew l-indirizz elettroniku.
Kaxxa I.2.	Informazzjoni relatata man-numru ta' referenza tad-DKD li għandha tiġi pprovduta mill-awtorità kompetenti tal-punt tad-dħul dežinjat (PDD). L-operatur kummerċjali tal-għalf u tal-ikel għandu jindika l-punt tad-dħul dežinjat fejn għandha tasal il-konsenja.
Kaxxa I.3.	Id-destinatarju: l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna fiżika jew ġuridika (operatur kummerċjali tal-għalf u tal-ikel) li lilha hija indirizzata l-konsenja. Huwa rrakkomandat li tingħata informazzjoni dwar in-numri tat-telefown u tal-faks jew indirizz elettroniku.
Kaxxa I.4.	Il-persuna responsabbli għall-konsenja: il-persuna (l-operatur kummerċjali tal-għalf u tal-ikel jew ir-rappreżentant tiegħu jew il-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni f'ismu) li tkun inkarigata mill-konsenja meta din tiġi ppreżentata fil-PDD u li tagħmel id-dikjarazzjonijiet neċessarji lill-awtorità kompetenti fil-PDD f'isem l-importatur. Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ. Huwa rrakkomandat li tingħata informazzjoni dwar in-numri tat-telefown u tal-faks jew l-indirizz elettroniku.
Kaxxa I.5.	Il-pajjiż tal-oriġini: dan jirreferi għall-pajjiż terz minn fejn qed toriġina, titkabbar, tinħasad jew tiġi prodotta il-komodità.
Kaxxa I.6.	Il-pajjiż minn fejn intbagħtet il-konsenja: dan jirreferi għall-pajjiż terz minn fejn ġiet mgħobbija l-konsenja fuq il-mezz tat-trasport għall-aħħar parti tal-vjaġġ lejn l-Unjoni.
Kaxxa I.7.	Importatur: l-isem u l-indirizz sħiħ. Huwa rrakkomandat li tingħata informazzjoni dwar in-numri tat-telefown u tal-faks jew indirizz elettroniku.
Kaxxa I.8.	Il-post tad-destinazzjoni: indirizz tal-konsenja fl-Unjoni. Huwa rrakkomandat li tingħata informazzjoni dwar in-numri tat-telefown u tal-faks jew indirizz elettroniku.
Kaxxa I.9.	Wasla fil-PDD: daħħal id-data ta' meta hu mistenni li tasal il-konsenja fil-PDD.
Kaxxa I.10.	Id-dokumenti: daħħal id-data tal-ħruġ u n-numru ta' dokumenti uffiċjali li ntbagħtu mal-konsenja, kif xieraq.
Kaxxa I.11.	Agħti d-dettalji kollha tal-mezz tat-trasport għall-wasla tal-konsenja: għall-inġenji tal-ajru agħti n-numru tat-titjira; għall-bastimenti l-isem tal-vapur; għall-vetturi tat-triq in-numru tar-reġistrazzjoni fin-numru tat-trejler, jekk xieraq, għall-ferroviji l-identità tal-ferrovija u n-numru tal-vagun. Referenzi dokumentati: in-numru tal-polza tal-ajru, il-polza ta' kargu jew in-numru kummerċjali għall-ferrovija jew għall-vettura tat-triq.
Kaxxa I.12.	Deskrizzjoni tal-komodità: agħti deskrizzjoni dettaljata tal-komodità (inkluż għall-għalf, it-tip ta' għalf).

▼M17

Kaxxa I.13.	Kodiċi tal-komodità: uża l-kodiċi li jidentifika l-komodità kif elenkata fl-Anness I (inkluża s-suddiviżjoni TARIC, jekk applikabbli).
Kaxxa I.14.	Piż gross: piż kumplessiv f'kg. Dan huwa ddefinit bħala l-massa aggregata tal-prodotti u tal-konteniturimmedjati u l-imballaġġ kollu tagħhom, imma mingħajr il-konteniturigħat-trasport u tagħmir ieħor tat-trasport. Piż nett: il-piż tal-prodott innifsu f'kg, mingħajr l-imballaġġ. Dan huwa ddefinit bħala l-massa tal-prodotti nfushom mingħajr konteniturimmedjati jew bla ebda imballaġġ.
Kaxxa I.15.	In-numru tal-pakketti.
Kaxxa I.16.	Temperatura: immarka l-kaxxa li turi t-temperatura adegwata tat-trasport/tal-ħażna.
Kaxxa I.17.	Tip ta' pakketti: identifika t-tip ta' imballaġġ tal-prodotti.
Kaxxa I.18.	Komodità maħsuba għal: immarka l-kaxxa xierqa skont, jekk il-prodott huwiex maħsub għall-konsum mill-bniedem mingħajr klassifikazzjoni minn qabel jew trattament fiżiku ieħor (f'dan il-każ immarka "għall-konsum mill-bniedem") jew huwiex maħsub għall-konsum mill-bniedem wara dan it-trattament (f'dan il-każ immarka "għall-aktar ipproċessar"), jew jekk hu maħsub bħala "għalf" (f'dan il-każ immarka "għalf").
Kaxxa I.19.	Niżżel in-numri kollha ta' identifikazzjoni u tas-siġill tal-kontenitur fejn rilevanti.
Kaxxa I.20.	Trasferiment lejn punt ta' kontroll: Matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 19(1), il-PDD għandu jimmarka din il-kaxxa biex jippermetti t-trasferiment lejn punt ta' kontroll ieħor.
Kaxxa I.21.	Mhux applikabbli.
Kaxxa I.22.	Għall-importazzjoni: din il-kaxxa għandha tiġi mmarkata jekk il-konsenja tkun maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni (Artikolu 8).
Kaxxa I.23.	Mhux applikabbli.
Kaxxa I.24.	Immarka l-mezz ta' trasport adegwat.
Parti II	**Din il-Parti trid timtela mill-awtorità kompetenti.**
Kaxxa II.1.	Uża l-istess numru ta' referenza li jidher fil-Kaxxa I.2.
Kaxxa II.2.	Għall-użu tas-servizzi tad-dwana, jekk ikun meħtieġ.
Kaxxa II.3.	Verifika tad-dokumenti: trid timtela għall-konsenji kollha.
Kaxxa II.4.	L-awtorità kompetenti tal-PDD għandha tindika jekk il-konsenja ntgħażlitx għall-kontrolli fiżiċi, li matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 19(1) jistgħu jsiru f'punt ta' kontroll differenti.
Kaxxa II.5.	L-awtorità kompetenti tal-PDD għandha tindika, matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 19(1), wara verifika sodisfaċenti tad-dokumenti, lejn liema punt ta' kontroll tista' tiġi ttrasportata l-konsenja sabiex isiru l-kontrolli fiżiċi u tal-identità.

▼M17

	L-awtorità kompetenti tal-PDD għandha tindika wkoll jekk il-konsenja tkunx awtorizzata għat-trasport ulterjuri previst fl-Artikolu 8. It-trasport ulterjuri jista' jiġi awtorizzat biss jekk il-kontrolli tal-identità jkunu twettqu fil-PDD u jekk ir-riżultat tagħhom ikun sodisfaċenti. Il-Kaxxa II.11 għandha għalhekk timtela fl-istess waqt meta jiġi awtorizzat it-trasport ulterjuri, filwaqt li l-Kaxxa II.12 għandha timtela ladarba jkunu disponibbli r-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju.
Kaxxa II.6.	Indika b'mod ċar l-azzjoni li trid tittieħed f'każ fejn il-konsenja tiġi rrifjutata minħabba r-riżultat mhux sodisfaċenti tal-verifiki tad-dokumenti. L-indirizz tal-istabbiliment ta' destinazzjoni fil-każ ta' "Dispaċċ mill-ġdid", "Qerda", "Trasformazzjoni" u "Użu għal skop ieħor" irid jiddaħħal fil-Kaxxa II.7.
Kaxxa II.7.	Agħti, kif xieraq, in-numru tal-approvazzjoni u l-indirizz (jew l-isem tal-vapur u tal-port) għad-destinazzjonijiet kollha fejn ikun meħtieġ kontroll ulterjuri tal-konsenja, pereżempju għall-Kaxxa II.6, "Dispaċċ mill-ġdid", "Qerda", "Trasformazzjoni" jew "Użu għal skop ieħor".
Kaxxa II.8.	Agħmel it-timbru uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-PDD hawnhekk.
Kaxxa II.9.	Firma tal-uffiċjal responsabbli tal-awtorità kompetenti tal-PDD.
Kaxxa II.10.	Mhux applikabbli.
Kaxxa II.11.	L-awtorità kompetenti tal-PDD jew, matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 19(1), l-awtorità kompetenti tal-punt tal-kontroll, għandha tindika r-riżultati tal-kontrolli tal-identità hawnhekk.
Kaxxa II.12.	L-awtorità kompetenti tal-PDD jew, matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 19(1), l-awtorità kompetenti tal-punt tal-kontroll, għandha tindika r-riżultati tal-kontrolli fiżiċi hawnhekk.
Kaxxa II.13.	L-awtorità kompetenti tal-PDD jew, matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 19(1), l-awtorità kompetenti tal-punt tal-kontroll, għandha tindika r-riżultati tat-test tal-laboratorju hawnhekk. Imla f'din il-kaxxa l-kategorija tas-sustanza jew tal-patoġenu li għalih sar it-test tal-laboratorju.
Kaxxa II.14.	Din il-kaxxa trid tintuża għall-konsenji kollha li jridu jiġu rilaxxati fiċ-ċirkolazzjoni libera fi ħdan l-Unjoni.
Kaxxa II.15.	Mhux applikabbli.
Kaxxa II.16.	Indika b'mod ċ-ċar l-azzjoni li trid tittieħed f'każ fejn il-konsenja tiġi rrifjutata minħabba r-riżultat mhux sodisfaċenti tal-kontrolli fiżiċi jew tal-identità. L-indirizz tal-istabbiliment ta' destinazzjoni fil-każ ta' "Dispaċċ mill-ġdid", "Qerda", "Trasformazzjoni" u "Użu għal skop ieħor" irid jiddaħħal fil-Kaxxa II.18.
Kaxxa II.17.	Ir-raġunijiet għar-rifjut: uża, kif xieraq, biex iżżid l-informazzjoni rilevanti. Immarka l-kaxxa t-tajba.
Kaxxa II.18.	Agħti, kif xieraq, in-numru tal-approvazzjoni u l-indirizz (jew isem il-vapur u l-port) għad-destinazzjonijiet kollha fejn ikun meħtieġ kontroll ulterjuri tal-konsenja, pereżempju, għall-Kaxxa II.16, "Dispaċċ mill-ġdid", "Qerda", "Trasformazzjoni" jew "Użu għal skop ieħor".

▼**M17**

Kaxxa II.19.	Imla din il-kaxxa meta jinkiser is-siġill irreġistrat oriġinarjament malli jinfetaħ il-kontenitur. Trid tinżamm lista konsolidata tas-siġilli kollha li ntużaw għal dan l-iskop.
Kaxxa II.20.	Agħmel it-timbru uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-PDD hawnhekk jew, matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 19(1), tal-awtorità kompetenti tal-punt tal-kontroll.
Kaxxa II.21.	Il-firma tal-uffiċjal responsabbli tal-awtorità kompetenti tal-PDD jew, matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 19(1), tal-awtorità kompetenti tal-punt tal-kontroll.
Parti III	**Din il-Parti trid timtela mill-awtorità kompetenti.**
Kaxxa III.1.	Dettalji dwar id-dispaċċ mill-ġdid: l-awtorità kompetenti tal-PDD jew, matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 19(1), l-awtorità kompetenti tal-punt tal-kontroll, għandha tindika l-mezz tat-trasport użat, id-dettalji tal-identifikazzjoni tiegħu, il-pajjiż ta' destinazzjoni u d-data tad-dispaċċ mill-ġdid malli jsiru magħrufa.
Kaxxa III.2.	Is-segwitu: indika l-Unità tal-Awtorità Kompetenti Lokali responsabbli, kif xieraq, għas-sorveljanza f'każ ta' "Qerda", "Trasformazzjoni" jew "Użu għal skop ieħor" tal-konsenja. Dik l-awtorità għandha tirrapporta r-riżultat tal-wasla tal-konsenja u l-korrispondenza tal-konsenja f'din il-kaxxa.
Kaxxa III.3.	Il-firma tal-uffiċjal responsabbli tal-awtorità kompetenti tal-PDD jew, matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 19(1), l-uffiċjal responsabbli għall-punt tal-kontroll, f'każ ta' "Dispaċċ mill-ġdid". Il-firma tal-uffiċjal responsabbli tal-awtorità kompetenti lokali f'każ ta' "Qerda", "Trasformazzjoni" jew "Użu għal skop ieħor".